# HALLUQIN quddiem L-INKWIŻITUR

L-Inkwiżizzjoni f'Malta (1561-1798) kellha ġuridizzjoni fuq kull bniedem li kien jgħix fil-gżejjer maltin, hu min hu. Din kellha x'taqsam fejn tidħol il-fidi (twemmin) nisranija. B'danakollu l-każijiet miġjuba quddiem it-tribunal ta' l-inkwiżitur ma kenux biss każijiet ta' fidi, imma wkoll problemi oħra li kienu jolqtu l-ħajja ta' kuljum.

Ċertu maltin kien ikollhom, fuq ordni tal-konfessur tagħhom imorru jistqarru ħtiġijietha jew dak li jkunu saru jafu (jew għax raw jew semgħu) dak kollu li jmur kontra reliġjon kattolika. Tajjeb wieħed jgħid, li ma kenitx xi ħaġa pjaċevoli, anzi! Kienet ħaġa li tkexkex u timlik bil-biża'. Insemmi każ biex nuri dan, ta' Margerita Mallia, meta fit-23 ta' Diċembru 1598, xehdet quddiem l-inkwiżitur li kienet diġà marret darbtejn biex tistqarr il-każ tagħha, u d-darbtejn ma setgħetx toħroġ kelma minn ħalqha, minħabba biża' u rogħda li ħakimha. Hija marret għat-tielet darba fuq ordni tal-konfessur tagħha Dun Marju, wara li dan qallha "li d-dmir irid isir" u fl-aħħar meta marret għat-tielet darba rnexxielha tistqarr kollox.

Meta wieħed jibda biex jara l-każi x'kienu, insibu każ ta' ġuvnott ta' ħmistax-il sena bl-isem ta' Alfonso Imbroll. Dan f'Diċembru 1635 stqarr quddiem l-inkwiżitur li lill-ommu, waqt li kien irrabjat qalilha, "Jekk jiġu l-luterani mmur magħhom u nsir luteran jew naħrab ma' ġifen tork u nsir mislem". Każ ta' ċertu Pawlu Seychell juri li dan il-bniedem stqarr li xewwx diversi nies biex ma jattendux għal quddies, qrar u tqarbin, minflok isiru Luterani. Ħalluqija oħra bl-isem ta' Ġulja Grima kienet imħajra biex issalli bħall-Għarab jew it-Torok, waqt li hija ma aċċettatx, xorta stqarret dan quddiem l-inkwiżitur biex jittieħdu passi kontra Ali Bagħada, l-wieħed li ħajjarha.

Insibu miktub fost l-oħrajn li perjodikament kienet tintbagħat ċirkolari lill-kappillani biex din tinqara waqt il-quddies. Din kienet biex twissi lill-fidili dwar xi dubji fil-fidi, jew jieħdu sehem f'xi ċerimonji jew qari ta' kotba li ma humiex ta' natura kattolika, kif ukoll dawk li jidgħu, għandhom jistqarru ħtijiethom quddiem it-tribunal. Wara li kien ippubblika din iċ-ċirkolari kien jiffirmaha u jibgħatha lura. Hekk insibu li għamel il-Kappillan Cassia fl-1639.

Insibu diversi każijiet oħra li ma kenux imdaħħla l-individwi personali imma stqarru dak li semgħu jew raw. Ċertu Ġakbu Falzon fl-1634 qal li sema' qassis bl-isem ta' Dun Filipp jgħid li t-trabi li jmutu meta mhux mgħammda jmorru l-infern. Ieħor Ġlormu Farrugia jgħid li sema' żewġ studenti miż-Żurrieq jgħidu xi diskors mhux ta' ġieh fuq il-Madonna.

Każi oħra fejn xi Ħalluqin kienu akkużati u mressqa quddiem it-tribunal, insibu lill-Dun Dumink Bonavia fl-1622 minħabba li sema' lill-barbier tar-raħal Nikol Gullo jidgħi fil-pubbliku dan qal bil-fatt lill-Inkwiżitur. Anġlu u Ġanni Pace fl-1625 ġew akkużati li kienu jidgħu waqt li huma fis-sakra. Duminku Mallia fl-1686 akkuża wieħed burndar bil-laqam "Ta' Ġuża" li vvizzjat jidgħi. Mallia xehed li waqt li kien qiegħed jiekol biċċa ħobż bil-laħam taż-żiemel, biex jiċċajta mess lil-burndar bil-mus li kellu f'idejh, u l-burndar beda jidgħi. Ieħor ġie akkużat li dagħa waqt il-logħob tal-karti. Dan kien Ġakbu Bellula, ħaddiem fil-barrieri.

Każi oħrajn strambi li dehru quddiem it-tribunal huma diversi. Insemmi fost oħrajn każ ta' Mattew Borg meta f'Awissu ta' l-1748 stqarr li kien fid-dar ta' ċertu Indrì Cachia, u dan Indrì kellu xi jgħid ma' martu. Waqt l-argument, qabad żewġ kwadri ta' San Franġisk u Santa Katarina u kissirhom bit-tisbit ma' l-art. Każ ieħor kien meta wieħed kien jiekol il-laħam meta ma kienx jiswa. Dawn il-ġranet kienu jissejħu "ta' l-astinenza" kienu ħafna f'dak iż-żmien. Ċertu Ġorġ Bonnici fl-1609 stqarr li kiel il-laħam fil-vġili ta' l-Imnarja. Dan mar jistqarru quddiem l-inkwiżitur, minħabba li meta mar iqerr, Bonnici qal lill-konfessur li xi ħadd qal b'dan lill-Inkwiżitur, allura l-konfessur qallu "aħjar tmur tistqarr din il-ħtija quddiem l-inkwiżitur".

Hemm każijiet oħrajn fejn kien jidħol il-magħmul. Wieħed minnhom hu dak ta' Marija Scicluna li tressqet għax qabbdet ilsir jagħmel magħmul lil Dun Anġ Tonna. Ieħor Ġużeppi Tonna kien ġie akkużat li għamel magħmul lil waħda li dan kien iħobb, sabiex din tilqa' t-talba tiegħu għaż-żwieġ. Dan Tonna kien qabbad wieħed mislem bl-isem ta' Cara Hasan.

Kien hemm ukoll il-qari tax-xorti jew futur, li dak iż-żmien kien ikkundannat mill-knisja li wieħed iwettaq dan. Hekk ġara lil Salvu Psaila f'Lulju 1769 meta lsir mislem kien f'Ħal Luqa u beda jaqra l-idejn tan-nies li sabu ruħhom quddiemu u dan Psaila kien wieħed minnhom.

Is-superstizzjonijiet kienu wkoll jiġu mistqarra quddiem l-inkwiżitur. Wieħed jista' jgħid li peress li f'Ħal Luqa kien hawn diversi lsiera ma' xi familji, dawn l-ilsiera kienu jużaw il-kultura tagħhom meta jiġu wiċċ imb'wiċċ ma' xi esperjenza li jkunu għaddew minnha. Każ minnhom huwa meta z-ziju tal-Kappillan Cassia li kien nutar, ġie mfejjaq fuq intervent minn wieħed mislem. Dan qal li uża inċens, maskta u xi weraq aromatiċi.

Kien hemm każijiet koroh ħafna fejn waħda stqarret li tilfet il-vot tal-kastità minħabba qassis. Din kienet Anna Cassar, li għamlet din l-istqarrija tagħha ma' oħra żebbuġija. Din qalet li l-konfessur abbuża minnhom. Każ ieħor stramb kien meta Duminku Ħaxixa stqarr li f'Ħal Luqa, uffiċjal ta' l-Inkwiżizzjoni kien ġie ferut, għax kien involut waqt ġlieda li qamet wara nżul ix-xemx. L-uffiċjal kien baqa' jilgħab il-karti u ma riedx jieqaf. Dan kien inċident ikrah ħafna għax l-uffiċjali ta' l-Inkwiżitur kienu ferm ipprivileġġjati.

Wara li rajna dawn il-każi fejn in-nies involuti huma kollha Ħalluqin se naraw x'kienu jkunu l-pieni. Dawn il-pieni kienu jikkonsistu f'sawm, qrar u tqarbin f'ċertu festi prinċipali tal-Knisja u reċtar tar-Rużarju mqaddes. Oħrajn kien ikollhom jagħmlu stqarrija ta' fidi kultant żmien quddiem xi prelat tal-Knisja f'post pubbliku.

Kien hemm min weħel il-ħabs fil-palazz ta' l-inkwiżitur stess. Fost dawk li weħlu l-ħabs kien hemm Kappillan ta' Ħal Luqa Dun Naz Agius li kien ġie kkundannat mill-inkwiżitur u wara meħlus fuq appell ta' ħniena mis-santa sede.

L-aħħar bniedem minn Ħal Luqa li deher quddiem it-tribunal ta' l-inkwiżitur kien Antonio Axisa li nqabad jidgħi minħabba vendikazzjoni li saret minn xi ħadd fl-għalqa li dan kellu fil-qasam imsejjaħ "tal-mejtin" meta kienet miżrugħa bil-qoton.

***Joe Balzan***


**REFERENZI:**

Storja ta' l-Inkwiżizzjoni ta' Malta; Alex Bonnici OFM. Conv.

Hospitaller Malta 1530-1798; Victor Mallia Milanes.

Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietha; Dun Ġuż. Micallef.